MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2008

Numru. 253/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 5 ta' Gunju 2008.**

**Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**

**Vs**

**Uanathan Joseph Bonsfield**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjub kontra Uanathan Joseph Bonsfield, ta’ 19 il-sena, imwieled Pieta’ fis-17 ta’ Lulu 1987, iben Stephen u Mary Grace nee’ Zammit, residenti Flat 6, Flats Indipendenza, Binja Ghenieq, Triq l-Ghenieq, Naxxar, detentur tal-karta ta’ l-Identita’ 331487 M;

Talli fil-11 ta’ Awissu 2006, ghall-habta tal-5.00pm gewwa Peppi’s Kiosk tas-Sliema, kkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Sammy Spiteri mill-Gzira, liema offiza giet maghmula b’ferita’ fil-wicc ta’ l-istess Sammy Spiteri u dana skond ma’ cceritifikat Dr. Alison Abdilla mill-Isptar San Luqa.

Rat l-Artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Ikkonsidrat:

Illi wara li l-Qorti semghet lill-partijiet jiddikjaraw li x-xhieda tal-prosekuzzjoni kienu miftiehema bejniethom dwar il-verzjoni ta’ fatti li kellhom jixhdu fuqhom quddiem il-Qorti, ma tara ebda kredibilita’ fil-provi prodotti minnhom, u ghalhekk ma tista’ tasal qatt li temmen kwalunkwe parti tax-xiehda moghtija minnhom.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti ma’ tistax issib lill-imsemmi Uanathan Joseph Bonsfield hati, u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------